MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1845/2002

***The General Soft Drinks Co Limited***
***vs***
***Anthony Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm826) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut kif jirrizulta mid-Dokument "1".

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mill-10 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Louis Thompson ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta’ April 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**